**– AMMISSJONI TAL-KONVENUT TAT-TALBA ATTRICI –**
***– CONFESSIO EST REGINA PROBATIONUM –***
***– PROBATIO PROBATISSIMA –***
***– CONFESSIO FACTA IN JUDICIO OMNI PROBATIONE MAJOR EST –***

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar it-Tnejn, 17 ta' Frar, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **20/2019**

**HOTEL LINE LIMITED**
[REG. NRU. C-18109]

***VERSUS***

**PORTEM TOURISM VENTURES LIMITED**
[REG. NRU. C-68829]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-11 ta' Frar, 2019 mill-attrici li permezz tieghu talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha l-ammont ta' erbat'elef, tmien mija, tlieta u hamsin ewro u hamsa u sittin centezmi (€4,853.65c)[1] rapprezentanti prezz ta' diversi prodotti ta' tindif u merkanzija ohra forniti u konsenjati mill-attrici lill-konvenuta, hekk kif ahjar deskritt u muri fl-istess Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez tal-proceduri gudizzjarji odjerni, ta' ohrajn accessorji ghalihom (ittra ufficjali bin-numru 22/2019 u mandat ta' sekwestru bin-numru 35/2019) u kif ukoll l-imghaxxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-hlas effettiv u finali (*a fol*. 3).

Ra r-Risposta tal-konvenuta illi permezz taghha eccepiet solament li t-talba attrici kienet infondata fil-fatt u fid-dritt (*a tergo* ta' *fol*. 13).

Ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa;

[1] B'nota datata 17 ta' Jannar, 2020 (*a fol*. 141) l-attrici – ghar-ragunijiet hemmhekk imfissra – irriduciet l-ammont originarjament domandat u minn erbat'elef, tmien mija, tlieta u hamsin ewro u hamsa u sittin centezmi (€4,853.65c) ghamlitu jikkonsisti f'erbat'elef, hames mija, tlieta u disghin ewro u sebghin centezmi (€4,593.70c).

Ra l-atti processwali kollha;

Jikkunsidra;

Inizjalment, f'dan il-procediment kien beda' jingabar il-gbir tal-provi tal-partijiet u meta l-kumpannija attrici kienet ezawriet il-provi taghha (*a fol*. 102) u l-istadju kien wasal ghat-tressieq tal-provi tal-kumpannija konvenuta, fl-udjenza ta' nhar it-Tlieta, 4 ta' Frar, 2020, il-konvenuta, tramite nota (*a fol*. 143), irregistrat ammissjoni tat-talba attrici. In vista ta' tali nota t'ammissjoni, il-gbir ta' provi ma ssoktax u l-partijiet, dejjem tramite id-difensuri taghhom, talbu li tinghata decizjoni (*a fol*. 144).

It-Tribunal jikkunsidra ulterjorment;

Hu principju antik illi "confessio est regina probationum"[2], cioè li l-ammissjoni hija l-aqwa forma t'evidenza li parti tista' tressaq ("probatio probatissima"[3]).

Hu dottrinalment rilevat illi l-konfessjoni, "*è la dichiarazione che una parte fa della verità di fatti ad essa sfavorevoli e favorevoli all'altra parte*",[4] ossia hi "*dichiarazione libera di verità contra se, resa al destinatario, e in tal senso si tratta senz'altro di atto giuridico non negoziale.*"[5] L-effetti probatorji taghha huma indiskussi u cioè, "*al pari di qualsiasi altra prova legale, produce effetti sul piano processuale in quanto sulla sua base il giudice non può che porre come vero il fatto confessato, benché sia innegabile la sua natura sostanziale*"[6] u l-konfessjonijiet tal-partijiet, "*a differenza delle prove libere, vincolano la pronuncia del giudice e determinano in modo prestabilito ed univoco la posizione dei fatti influenti sulle situazioni giuridiche sostanziali*."[7] Biex ikollha tali effett probatorju, l-ammissjoni "*deve constare di un element soggettivo, consistente nella consapevolezza e volontà di ammettere e riconoscere la verità di un fatto a sé sfavorevole e favorevole all'altra parte, e di un elemento oggettivo, consistente nell'ammissione del fatto obiettivo che forma oggetto della confessione da cui deriva un concreto pregiudizio all'interesse dell'dichiarante e al contempo un corrispondente vantaggio nei confronti del destinatario della dichiarazione*."[8]

---

[2] Dwar dan il-principju ara, *inter alia*, **Carmelo Bonnici noe v. Ronald Farrugia et** (Appell Superjuri, 26 ta' Ottubru, 1970; mhux pubblikata); **Massimo Vella v. V. Petroni (Imports) Ltd** (Appell Inferjuri, 28 ta' Novembru, 2007); **Galscer & Bilom Ltd v. Anthony Azzopardi** (Appell Inferjuri, 22 ta' Mejju, 2009); u **APS Bank Ltd v. Francis Xavier Micallef** (Appell Inferjuri, 7 ta' Lulju, 2010).

[3] Dwar dan ara "Massime, Enunciazioni e Formule Giuridiche Latine" (Hoepli 1993) ta' **UMBERTO ALBANESE**, f'pagna 295. Ara wkoll "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini" ta' **FEDERICO DEL GIUDICE** (Simone ed. IV, 2011), f'pagna 260 fejn hemm maghdud, *inter alia*, li, "*Con il termine probatio probatissima si è soliti fare riferimento alla confessione che è il mezzo probatorio per eccellenza*."

[4] **GIORGIO BIANCHI**, "LA Prova Civile" (CEDAM, ed. 2009; p. 233).

[5] **ALESSANDRO IACOBONI**, "Prova Legale e Libero Convincimento del Giudice" (Giuffrè, ed. 2006; §3.3.1., p. 54).

[6] *ibid*.

[7] *ibid*.

[8] **GIORGIO BIANCHI** (*op. cit*., p. 233).

Addizzjonalment, ghalkemm l-ammissjoni *de quo*, teknikament, ma sehhitx direttament minn rapprezentant, ossia dirigent, tal-kumpannija konvenuta izda permezz ta' nota f'isimiha sottoskritta mid-difensur taghha, l-istess xorta wahda, f'ghajnejn id-Dritt, hi evidenza li tekwivali ghal ammissjoni valida u effikajcji. Infatti, l-Art. 632(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid li, "*Kull dikjarazzjoni magħmula mill-parti kontra tagħha nfisha, u kull kitba oħra li jkun fiha konfessjonijiet, konvenzjonijiet jew obbligi, jistgħu jinġiebu bi prova*" u l-Art. 693 ta' l-istess Kapitolu jipprovdi illi, "*Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha*." Fil-gurisprudenza domestika jinsab rikonoxxut illi dikjarazzjonijiet mwettqa mill-konsulent legali ta' parti assistita jorbtu lill-istess parti.[9] *Ergo*, in-nota tal-konvenuta ezibita fl-udjenza ta' l-4 ta' Frar, 2020 (*a fol*. 143), tissodisfa l-ghanijiet ta' dawn ic-citati zewg disposizzjonijiet. In aggjunta, insibu insenjat li, "*Admissions made by agreement between the parties or made by counsel to the court are equally binding, since civil litigants are normally free to choose the issues which they wish to raise before the court*." (*cfr*. **J. D. HEYDON**, "Cross on Evidence", 8th Australian edition 2010; §3165, p. 216).

L-ammissjoni (jew konfessjoni) da parti tal-konvenuta f'dan il-kaz ma kinitx wahda li rrizultat minn xi dokument jew minn xi inferenza li wiehed jista' jislet mill-provi migjuba mill-partijiet, izda kienet wahda sottomessa u moghtija formalment b'nota ta' l-istess konvenuta, b'mod volontarju u registrata fl-atti ta' dan il-procediment waqt udjenza ta' dan it-Tribunal. Ghalhekk, hekk kif tghid il-massima Latina, "confessio

[9] Jigi mfakkar illi l-avukat patrocinanti parti f'litigju hu parifikat ma' mandatarju specjali ta' dik l-istess parti tant illi l-attività processwali tieghu waqt procediment jorbot lill-assistit tieghu. Fis-sentenza **Salome Chetcuti v. Jonathan Satariano** (Appell Inferjuri, 12 ta' Frar, 2010) inghad hekk: "*… lanqas ma kienet ta' xi rilevanza s-sottomissjoni dikjarata tal-konvenut illi ghaliex in-Nota konguntiva li tat lok ghad-digriet tal-20 ta' Novembru 2007 giet iffirmata mill-Avukat tieghu l-istess digriet kien invalidu u irregolari. Apparti li din il-Qorti ma taccettax il-proposizzjoni illi dak li ghamlet f'dik in-Nota l-Avukat ta' l-appellat ghamlitu "bi svista", hu wisq pacifiku illi l-Avukat ghandu jitqies li hu l-mandatarju tal-klijent tieghu ghall-attijiet tal-proceduri u fejn ikollu mandat espress u specjali, kif il-Qorti tqis wisq probabbli li hu l-kaz anke hawnhekk, jista' anke jiftiehem u jintrabat ghall-patrocinat tieghu*." Fis-sentenza *in re* **Carmelo Farrugia v. Grezzju Farrugia et** (Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2005) inghad li, "*Huwa pacifiku illi l-avukat huwa, fis-sens ta' l-Artikolu 1862, Kodici Civili, mandatarju tal-klijent tieghu b'mandat specjali ghall-finijiet tal-kawza. Ara Vol. X pagna 301 u Vol. XIX P I p 129*." Tant dan huwa hekk illi kien hemm sitwazzjonijiet quddiem il-qrati taghna fejn zball procedurali tad-difensur legali kien influwixxa negattivament, u direttament, fuq l-interessi tal-klijent patrocinat. B'ezemplari ssir referenza ghad-decizjoni *in re* **Teresa Zammit pro et noe v. Ganni Zammit pro et noe** (Prim'Awla, 10 ta' Ottubru, 1950) fejn gie asserit illi, "*ghal dak li jirrigwrada kwistjonijiet legali u procedurali, kwalunkwe haga li l-avukat jaghmel, anki b'konjizzjoni jew impressjoni erronea, hu responsabbli ghaliha l-klijent tieghu*." Inoltre, fis-sentenza *in re* **Mary Sutch v. Felice Cini** (Prim'Awla, 8 ta' Frar, 1939) inghad hekk: "*Fid-dottrina, tant Franciza kemm Taljana, gie ritenut illi l-mandant quddiem it-terzi huwa responsabbli anki tal-fatt kolpuz tal-mandatarju. Tant jidher mill-insenjamenti tal-Laurent kemm ukoll minn dawk ta' Ricci. Il-Laurent jghid illi jista' jidher stramb illi l-mandant ghandu jkun responsabbli ghall-ommissjoni tal-mandatarju, ghaliex il-mandant ma tax certament il-poter lill-mandatarju li jonqos minn xi dover tieghu, u ghaliex in-nuqqas tal-mandatarju jikkostitwixxi ezorbitazzjoni mill-limiti tal-mandat. Imma dak l-awtur jispjega illi meta hemm fin-nofs l-interess tat-terz, allura jekk saret ommissjoni mill-parti tal-mandatarju, ma ghandux jigi danneggjat it-terz, imma l-mandant, li ta l-fiducja tieghu lill-mandatarju. Hekk f'dana il-kaz, jekk l-ommissjoni tad-difensur tat lok ghall-kontumacja allura t-terz (fil-kaz l-attrici) ma ghandux jsofri hsara fis-sens li jitlef il-vantaggi talvolta derivanti mill-kontumacja tal-konvenut billi jinghad illi l-ommissjoni tal-mandatarju ma ghandhiex tkun ta' dannu lill-mandant.......Illi per konsegwenza l-ommissjoni ta' l-avukat Dottor........ghandha tigi rigwardata daqs kieku kienet ommissjoni ta' l-istess konvenuta*."

facta in judicio omni probatione major est"[10] (li tfisser illi ammissjoni maghmula fi procediment gudizzjarju, jew formalment waqt xi proceduri ohra ta' indole gudizzjarja jew kwazi-gudizzjarja), ghandha aktar forza u qawwa minn kwalsiasi evidenza ohra. Infatti, nsibu ritenut illi, "*Se resa in giudizio essa vincola il giudice, il quale dovrà ritenere raggiunta la prova in ordine alla veradicità dei fatti ammessi, traendone ogni conseguenza in sede di decisione della causa*."[11]

In vista ta' l-imsemmija ammissjoni tal-konvenuta, registrata formalment fl-udjenza ta' l-4 ta' Frar, 2020, dan it-Tribunal m'ghandux triq ohra ghajr li jiddikjara lill-istess konvenuta bhala debitrici tal-kumpannija attrici u, bhala korollarju naturali, li l-konvenuta hi tenuta thallas lill-istess attrici l-ammont, kif ridott, ta' erbat'elef, hames mija, tlieta u disghin ewro u sebghin centezmi (€4,593.70c).

Addizzjonalment, tali ammissjoni saret bla ebda kundizzjoni jew kwalifika u, allura, tattira wkoll l-obbligu fuq il-kumpannija konvenuta li tindennizza lill-kumpannija attrici l-ispejjez gudizzjarji ta' dawn il-proceduri, inkluz dawk accessorji ghalihom (i.e., ittra ufficjali bin-numru 22/2019 u mandat ta' sekwestru bin-numru 35/2019) u kif ukoll il-hlas ta' l-interessi fuq l-ammont ta' sorte, li ghandu jibda' jiddekorri mill-6 ta' Gunju, 2018.[12]

**GHALDAQSTANT**, it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, ghall-motivi fuq imfissra, jilqa' t-talba attrici kif dedotta u jiddikjara li l-konvenuta hi debitrici tal-kumpannija attrici fl-ammont, kif ridott, ta' erbat'elef, hames mija, tlieta u disghin ewro u sebghin centezmi (€4,593.70c) u jikkundannaha thallas tali ammont lill-attrici. L-imghax fuq tali ammont bir-rata ta' 8% ghandu jiddekorri mill-6 ta' Gunju, 2018 u jieqaf mad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez tal-prezenti proceduri, inkluz dawk marbuta ma' l-ittra ufficjali bin-numru 22/2019 u mal-mandat ta' sekwestru bin-numru 35/2019, jkunu a karigu ta' l-istess konvenuta.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft.* ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*

[10] Dwar dan ara "Trayner's Latin Maxims" (Sweet & Maxwell, 4th edition, 1993) pp. 92–93.
[11] Ara "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini" ta' **FEDERICO DEL GIUDICE** (Simone ed. IV, 2011) pagna 67.
[12] Skond l-Artikolu 26C tal-Kodici ta' Kummerc (Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta) l-imghax jiddekorri mill-"*ġurnata li tiġi wara d-data jew wara t-terminu għall-ħlas stabbilit fil-kuntratt*." (ara l-ewwel fattura *a fol*. 68).